MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 9/2002/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Karmig Trading Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Jannar, 2002 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas is-somma ta' elfejn, tminn mija u tnejn u erbghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm2842.51) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni bejgh u kunsinn ta' materjal fuq ordni ta' l-istess socjeta' konvenuta skond ma jirrizulta minn diversi fatturi skond il-prospett anness ma' l-avviz u markat Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-ammont pretiz ma hux dovut, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi s-socjeta’ konvenuta kienet tgawdi kreditu fil-konfront tas-socjeta’ attrici, u bi ftehim bejn il-partijiet kontendenti, saret tpacija ma’ dak dovut lis-socjeta’ attrici, tant illi kien fadal bilanc favur is-socjeta’ konvenuta, li thallas mis-socjeta’ attrici fit-28 ta’ Frar, 2002 (Dok KT 1).

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici fejn gie cedut is-sorte, izda nzamm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Rat illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq dan il-kap ta’ l-ispejjez li fiha xehed biss ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, peress illi hadd ma deher minn nahha tas-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi Ray Cachia in rapprezentanza tad-dipartiment tal-finanzi tas-socjeta’ attrici xehed illi s-socjeta’ konvenuta baghtet il-pagament taghha fit-28 ta’ Frar 2002 u harget debita rcevuta. Il-Qorti tosserva illi l-avviz gie pprezentat fit-3 ta’ Jannar 2002. Dan hu konformi mat-tieni paragrafu tan-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn qalet li saret xi tpacija li giet finalizzata fit-28 ta’ Frar 2002. Ghalhekk il-pagament b’liema mod gie affetwat, sar fil-mori ta’ din il-kawza u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-ispejjez ta’ din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu, stante c-cessjoni fuq imsemmija. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas l-ispejjez ta' din il-kawza bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

---------------------------------TMIEM---------------------------------